**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 206/2009**

**Illum: 26 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Geoffrey Galea**
**(ID 383170(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Geoffrey Galea, bin Alfred u Doris nee` Buttigieg, imwieled il-Pieta` fit-28 ta' Lulju 1970, residenti Nru. 1, 'Tar-Ragg', Triq Santa Liena, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 383170(M);

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Gunju 2003 u matul it-tliet xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psrikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-mitkub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposisizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' April 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lil Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar mill-Qorti, kif diversament presjeduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tal-*ecstasy*. Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz, jikkonsistu fix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud, li xehed darbtejn[1] u jghid x'kien li wassal ghal dan il-kaz, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[2] u x-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia[3] li jghid illi fil-lejl in kwistjoni, waqt *party* gewwa Ta' Qali, kien gie arrestat l-imputat wara li gew elevati minn fuqu 23 pillola u nofs suspettati *ecstasy*.

Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Josric Mifsud jghid illi fil-lejl in kwistjoni kien gie arrestat l-imputat waqt attivita` gewwa Ta' Qali u li fil-pussess tieghu nstabulu xi pilloli suspettati *ecstasy*. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat in konnessjoni ma' dan il-kaz. L-Ispettur jghid illi mid-deskrizzjoni li ta l-imputat dwar il-persuna li minghandha kien xtara dawn il-pilloli, il-pulizija ma rnexxilhiex

[1] Ara x-xhieda tieghu a fol. 12 *et seq* tal-process u a fol. 45 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 14 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 37 *et seq* tal-process.

tasal ghal din il-persuna. Fit-tieni xhieda tieghu, l-Ispettur Mifsud esebixxa s-sustanza suspettata *ecstasy* ossia tlieta u ghoxrin pillola u nofs, kif ukoll ammont ta' flus li gew elevati minn fuq l-imputat fil-lejl in kwistjoni. Is-sustanza baqghet ma gietx analizzata minn espert forensiku u dan ghaliex, kif jirrizulta mill-atti, meta l-Prosekuzzjoni ghamlet it-talba taghha sabiex jigi nominat tali espert, b'digriet tas-7 ta' Mejju 2012[4] u ghar-ragunijiet hemmhekk indikati, il-Qorti cahdet din it-talba u ddikjarat maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni.

Kif diga` inghad, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Ufficjal Investigatur, fl-1 ta' Lulju 2003 u dan wara li gie moghti s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova. F'dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti, l-imputat ilmenta dwar id-dewmien li kien qed jiehu l-kaz tieghu biex jinqata', izda ma qanqalx il-kwistjoni tal-ammissibilita` o meno tal-istqarrija tieghu bhala prova, a bazi tal-fatt li huwa ma nghatax id-dritt li jiehu parir legali qabel irrilaxxja din l-istqarrija. Jirrizulta pero` mill-atti illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat intavola proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) u sussegwentement quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn allega illi jkun hemm ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq imhares taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertaijiet Fundamentali kemm il-darba jsir uzu minn din l-istqarrija li rrilaxxja minghajr ma thalla jiehu l-parir ta' avukat. Kif jirrizulta wkoll mill-atti, din it-talba tal-imputat giet michuda.

Il-Qorti qeghda taghmel referenza ghal din is-sentenza ossia s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Geoffrey Galea vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija</u>** deciza fit-28 ta' Gunju 2013, fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

"*…il-jedd moghti mill-art. 6 huwa l-jedd ghal smigh xieraq u mhux il-jedd ghall-ghajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed l-istqarrija. Nuqqas illi ma jwassal ghal ebda pregudizzju effettiv ma ghandux jitqies li huwa bi ksur ta' jedd fondamentali. Wara kollox, f'dan bhal f'kull qasam iehor tal-ligi l-ghan ewlieni hu li tinkixef il-verita`, u li ma jigrix illi, minhabba l-uzu ta' pratici abuzivi, tittiehed stqarrija li ma jkollhiex mis-sewwa: ma huwiex, u ma ghandux ikun il-ghan tal-ligi illi persuna tahrab il-konsegwenza ta' ghemilha minhabba xi nuqqas minghajr ma jintwera illi dan in-nuqqas kellu konsegwenti pratici …*

---

[4] Ara l-verbal a fol. 43 *et seq* tal-process.

*Din il-qorti dejjem fehmet illi stqarrija mehuda minghajr il-garanziji ta' legittimita` twassal ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, mhux ghax l-interrogat ma kellux ghajnuna ta' avukat izda fejn in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat tkun ppregudikat fil-konkret lill-individwu fil-process kontra tieghu ...*

*Billi ghalhekk in-nuqqas ta' jedd ghall-ghajnuna ta' avukat qabel jew waqt l-istqarrija ma jwassalx, ghalhekk biss u ipso facto, ghal ksur tal-jedd tal-attur, fadal illi naraw, fil-meritu, jekk dak in-nuqqas holoqx pregudizzju hekk illi jwassal, jew x'aktarx iwassal, ghal ksur. Il-fatt illi, kif sewwa ighid l-attur, fiz-zmien relevanti ma kienx hemm ligi pozittiva li tirregola l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat u c-cirkostanzi fejn dak il-jedd jista' ma jinghatax ma jzommx lil din il-qorti milli tara jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, in-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat kienx ta' pregudizzju ghalih, ghax il-kuncetti u l-istituti tal-ligijiet fondamentali ghandhom tifsira "awtonoma" li ma hijiex limitata b'dak li tghid jew ma tghidx il-ligi ordinarja.*

*Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-attur ma weriex li tassew garrab ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq la taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fil-kaz tallum Geoffrey Galea ma allegax li gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrija jew kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort'ohra meta ghamel dik l-istqarrija. Il-prezenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda l-attur ma allegax li dan sehh fil-kaz tieghu. Anzi, tant ma hassx ruhu pregudikat illi, ghalkemm l-istqarrija ghamilha fl-1 ta' Lulju 2003, stenna sal-11 ta' Mejju 2012 biex jilmenta bi ksur ta' drittijiet u jiftah il-kawza tallum, prezumibilment ghax issa sar jaf bl-izviluppi gurisprudenzjali fuq imsemmija u haseb li seta' jinqeda b'mezz gdid ta' difiza. Fil-fatt, izda, lanqas fil-kawza tallum ma hu qieghed jilmenta illi l-istqarrija ttiehdet b'abbuz: qieghed jilmenta biss min-nuqqas li ma kellux ghajnuna ta' avukat, jew, ahjar, li ma kellux jedd ghall-ghajuna ta' avukat.*

*Fil-kaz ta'* <u>Salduz</u> *kien biss ftit jiem wara li Salduz ghamel l-istqarrija illi lmenta illi ttehditlu b'abbuz, u dak l-ilment kien ghalhekk ferm aktar kredibbli minn dak ta' min ghal snin shah ma jaghmel imqar l-icken accenn illi l-istqarrija ttehditlu b'abbuz. Meta, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2011 quddiem il-magistrat, ghamel ilment dwar drittijiet fondamentali, l-ilment kien minhabba dewmien fil-proceduri u mhux dwar l-istqarrija. Il-fatt illi ma sarux tempestivament allegazzjonijiet ta' abbuz, lanqas quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, juri illi, minkejja n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid tal-istqarrija tant illi lanqas l-attur stess ma hass li kien garrab xi pregudizzju.*

*Ghalhekk huwa nieqes dak l-element ta' vulnerabilita` biex, bhal fil-kaz ta'* Salduz *u kazijiet ohra bhalu, jinstab illi hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.*

...

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti hija tal-fehma illi t-tehid tal-istqarrija, ghalkemm minghajr l-ghajnuna ta' avukat, ma wassal ghal ebda ksur tal-jeddijiet tal-attur imharsa taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 6 tal-Konvenzjoni*".

Din il-Qorti m'ghandha xejn izjed x'izzid ma' dan kollu. L-istqarrija rilaxxjata mill-imputat ghalhekk qed titqies bhala prova ammissibbli u valida f'dawn il-proceduri.

F'din l-istqarrija tieghu tal-1 ta' Lulju 2003, mistoqsi kienx jaf ghaliex kien gie arrestat fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Gunju 2003 minn Ta' Qali, l-imputat stqarr li dan sehh minhabba d-drogi u mistoqsi x'tip ta' drogi kellu fil-pussess tieghu, huwa jwiegeb "*ecstasy*". Jghid illi fuqu kellu "*dawk 26 hux*" b'referenza ghall-*ecstasy* u jikkonferma illi fil-lejl li fih gie arrestat, biegh xi pilloli *ecstasy*. Jghid illi ma jafx kemm biegh pilloli, izda li biegh lil hames persuni u li kien qieghed ibieghhom bis-sitta u bit-tmienja kull pillola. Mistoqsi jekk waqt il-*party*, huwa kienx ghamel uzu minn dawn il-pilloli, huwa jwiegeb fl-affermattiv u jghid li ha tnejn u jghid ukoll illi kien ilu jaghmel uzu minn dawn il-pilloli "*qisu mix-Xitwa li ghaddiet*" u li kien mar "*qisu ... erbgha parties*". Kull darba li jmur *party* kien juza daqqa erbgha, daqqa tlieta u daqqa wahda u kien jixtrihom b'erba' liri l-wahda. F'din l-okkazzjoni kien xtara "*32, 35 pillola*". Jghid illi qabel il-lejl in kwistjoni, qatt ma kien biegh *ecstasy*.

Jirrizulta car minn din l-istqarrija illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat biegh il-pilloli *ecstasy* u li l-pussess tal-pilloli li nstabu fuqu kien wiehed aggravat. Li dan il-pussess kien wiehed aggravat jirrizulta, fl-ewwel lok, ghaliex l-imputat stess ammetta li fil-lejl in kwistjoni diga` kien biegh minn dawn il-pilloli lil hames persuni u fit-tieni lok, l-ammont ta' pilloli li nstabu fuqu ossia tlieta u ghoxrin pillola u nofs – kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Mifsud u ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia – huwa ammont sostanzjali li, certament, m'huwiex normalment assocjat ma' uzu personali. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi f'*party* huwa solitament kien jiehu minn pillola sa erba' pilloli, u ghalhekk ma kellu l-ebda raguni ghaliex kellu joqghod idur b'ammont tant sostanzjali ta' pilloli gewwa *party*, hlief ghaliex dawn kienu intizi ghall-ispacc lil terzi.

Issa fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza issostni li l-Prosekuzzjoni baqghet ma gabet l-ebda prova illi l-pilloli esebiti kienu effettivament pilloli *ecstasy* u tghid

ukoll illi ghalkemm fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi dawn kienu *ecstasy*, lanqas l-imputat inniffsu ma huwa xi espert f'din il-materja. Ghalhekk skond id-difiza, il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat. F'dan ir-rigward, id-difiza esebiet ukoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Caruana**, deciza fis-6 ta' Dicembru 2013, fejn dik il-Qorti illiberat lill-appellant mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, stante illi baqghet ma ngabitx il-prova illi s-sitt pilloli li kienu gew elevati minn fuqu kienu sustanzi illeciti.

F'dak il-kaz, madankollu, b'differenza ghall-kaz odjern, l-unika prova li kellha quddiemha l-Qorti, kienet ix-xhieda tal-pulizija li elevaw sitt pilloli mill-pussess tal-appellant, ghaliex l-istqarrija rilaxxjata mill-istess appellant giet skartata. Ghalhekk fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra, ghajr ghax-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija, il-Qorti ghaddiet biex tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni ta' pussess bl-aggravanti.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sharon O'Neil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun ħaġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni.*"

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet

**<u>Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace</u>**. Fil-kaz **<u>Il-Pulizija vs Richard Borg</u>**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Settembru 2002, fejn l-atti wkoll kienu nieqsa mill-prova forensika dwar is-sustanza in kwistjoni, inghad hekk:

"*Illi is-sentenza appellata korrettement tirrileva li ma sarux ezamijiet forensici fuq id-droga esebita ...*

*L-ewwel Qorti, ghab-bazi ta' din il-mankanza, argumentat li allura kienet mankanti prova sodisfacenti li is-sustanza in parola kienet fil-fatt kontrollata bil-ligi u allura ikkonkludiet li in mankanza ta' tali prova, wiehed mill-elementi essenzjali tar-reat in parola jinsab mhux pruvat u allura nieqes. Fl-istess waqt pero` l-ewwel Qorti ikkonkludiet ukoll li "rrizulta "ex admissis" mill-imputat stess li huwa jabbuza mid-droga bil-konsum kuljum u allura l-akkuza ta' pussess illegali (semplici) tikkonfigura fil-konfront tal-imputat" - U DANA MINKEJJA LI LANQAS FIL-KAZ TAD-DROGA HEKK KONSUMATA MA SARU EZAMIJIET FORENSICI.*

*Illi bir-rispett, din il-Qorti tara kontradizzjoni manifesta fis-sentenza appellata. Ghaliex jekk ghab-bazi tal-istqarrija tal-appellat li hu jikkonsma d-droga kulljum waslet biex sabitu hati ta' pussess semplici, u dana bla ma kellha l-prova xjentifika li dik li kien jikkonsma l-appellat kienet fil-fatt eroina, sustanza kontrollata bil-ligi, hekk ukoll ghab-bazi ta' parti ohra tal-istess stqarrija, fejn l-appellat ammetta li hu kien xtara gramma eroina dak in-nhar li inqabad biha filghodu bil-prezz ta' Lm25 u qasamha f'sitt pakketti u li kien ghad fadal hadu hu u li dawn il-pakketti kienu fuqu sabiex ibieghhom ghall-prezz ta' LM10 il-wiehed imma ma lahaqx ghamel dan, ghax qabduh il-Pulizija, l-ewwel Qorti kien imissa accettat dan il-fatt bhala pruvat anki jekk ma saritx il-prova forensika fir-rigward. Ghalhekk biex tkun konsistenti is-sentenza appellata, jew l-appellat - u kull min bhalu jammetti li jkun ha droga bla ma did-droga tigi analizzata xjentifikament - kellu jigi liberat kemm mill-akkuza ta' pussess semplici kif ukoll minn dik ta' pussess f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu jew kellu jinstab hati tat-tnejn s'intendi bil-pussess semplici assorbit fil-pussess f'cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.*

*<u>Illi hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg</u> - haga li lanqas biss remotament ma sar accenn ghaliha f'dan il-kaz - u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew*

*bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu. (Art. 658 Kap.9)*

*Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma kienetx konsistenti maghha innifisha meta strahet fuq l-ammissjoni biex issib htija ta' pussess semplici bla ma kienet konfortata minn ezamijiet forensici, imma fl-istess waqt deherilha li ghandha tiskarta l-istess ammissjoni ghar-rigward tal-pussess f'cirkostanzi tali li juru li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellat, ghax ma saritx il-prova forensika.*

*Umbaghad ukoll il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li ghax ma giex pruvat li l-appellat kien ha mid-droga li kien xtara, u allura ma kienx fil-pozizzjoni li jikkonferma definittivament li id-droga li kien xtara u li kienu sabu fuqu il-Pulizija kienet eroina ghax setghet wara kollox kienet sustanza li fl-apparenza taghha kienet simili ghall-eroina, izda fil-fatt ma kienetx, ukoll ma treggix, ghax fl-istess stqarrija l-appellat qal ukoll li wara li kien qasam id-droga li xtara f'sitt pakketti, li kien fadal hadu hu.*

*Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ir-ragunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tillibera lill-appellat mill-akkuza dedotta kontra tieghu u issibu hati biss ta' pussess semplici, huma inkonsistenti kemm fuq bazi ta' ragjonevolezza, kif ukoll fuq bazi ta' dritt probatorju u ghab-bazi tal-ammissjoni nkondizzjonata tal-appellat tal-fatti li akkompanjaw is-sejbien ta' droga fil-qalziet ta' taht tieghu, l-ewwel Qorti ma setghetx hlief issib il-htija tal-appellat u kull konkluzzjoni ohra tkun wahda stirakkjata ghall-ahhar, inkonsistenti u manifestament "unsafe and unsatisfactory" u <u>tista' twassal ghal precedent perikoluz biex kull ammissjoni dwar droga ma jkollha ebda effett probatorju jekk ma tkunx akkumpanjata b'analisi tad-droga innifisha, analisi li f'hafna kazijiet ma tkunx tista' issir, ghas-semplici raguni li d-droga tkun lahqet giet ikkunsmata jew ma tinstabx</u>* [sottolinear mizjud].

Fil-kaz odjern, m'hemm l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tal-imputat ma kinitx wahda volontarja fis-sens li trid il-ligi, tant illi d-difiza anke ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil ex PC 730 Raymond Vella bhala xhud ta' din l-istess stqarrija.[5] Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi l-pilloli in kwistjoni huma pilloli *ecstasy*. Jirrizulta car illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat kien xtara u abbuza mill-pilloli *ecstasy*, kif jammetti fl-istess stqarrija, meta jghid illi kien ilu juza l-*ecstasy* mix-Xitwa, apparti illi dakinhar stess huwa wkoll kien ikkonsma

[5] Ara l-verbal a fol. 16 tal-process.

mill-pilloli li kellu fil-pussess tieghu (u li minnhom huwa jghid li kien biegh lil terzi persuni) u ghalhekk kien jaf ben tajjeb x'kienu dawn il-pilloli. Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi dak li ammetta l-imputat fl-istqarrija tieghu kien minnu ossia illi l-pilloli in kwistjoni verament kienu pilloli *ecstasy*.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi z-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirrizultaw ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni. Qieset ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Qieset ukoll illi fil-pussess tieghu, l-imputat kellu ammont mhux zghir ta' pilloli *ecstasy* u li l-att ta' traffikar jirreferi ghal-lejl wiehed, f'liema lejl, skond l-istqarrija tieghu, l-imputat biegh *ecstasy* lil hames persuni.

Qieset ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation*, Marilyn Attard[6], mil-liema rapport jidher illi l-imputat ghandu l-appogg tal-familja tieghu, li huwa ragel biezel, ghandu mpjieg fiss, f'liema impjieg ilu ghal bosta snin, wera koperazzjoni u impenn fl-appuntamenti tieghu mal-Ufficjal tal-*Probation* u kampjun tal-urina li ttehidlu waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, irrizulta fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi lleciti.

Qieset ukoll illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz sehhew fis-sena 2003 u ghalkemm parti mid-dewmien f'dawn il-proceduri kien imputabbli lid-difiza stess ghaliex, wara li l-Qorti ghalqet il-provi tal-Prosekuzzjoni fis-7 ta' Mejju 2012, id-difiza damet kwazi tliet snin ossia sas-17 ta' April 2015 sabiex tiddikjara li m'ghandhiex provi xi tressaq, biss il-maggor parti tad-dewmien kien dovut ghall-fatt illi l-imputazzjonijiet odjerni gew ipprezentati fir-Registru tal-Qorti fil-15 ta' April 2009 u ghalhekk kwazi sitt snin wara l-akkadut. Il-Qorti qed tiehu qies ta' dan it-trapass taz-zmien fil-piena inflitta u jidhrilha li f'dawn ic-cirkostanzi, piena ta' prigunerija fil-minimu taghha tkun wahda idonea.

Fir-rigward tal-flus misjuba fil-pussess tal-imputat ossia s-somma ta' mija u erbghin Lira Maltin (Lm140), il-Qorti tikkunsidra illi fil-pussess tal-imputat instabu tlieta u ghoxrin pillola *ecstasy* u nofs u li fl-istqarrija tieghu l-imputat qal

[6] A fol. 19 *et seq* tal-process.

illi huwa kien xtara "*32, 35 pillola*", apparti li kien ikkonsma tnejn huwa stess. Jghid ukoll illi huwa biegh pilloli lil hames persuni bis-sitta (Lm6) u bit-tmienja (Lm8). Jekk wiehed iqis l-izghar ammont ta' pilloli mixtrija mill-imputat ossia 32 pillola, dan ifisser illi l-imputat kien biegh madwar sitt pilloli u nofs u tenut kont li d-dubju ghandu jmur favur l-imputat, jekk wiehed jikkonsidra li biegh pillola wahda biss bi tmien Liri Maltin (Lm8) u l-bqija bis-sitt Liri Maltin (Lm6), ifisser illi l-imputat biegh dawn il-pilloli bil-prezz ta' wiehed u erbghin Liri Maltin (Lm41). Ghaldaqstant, stante illi l-Qorti m'ghandha l-ebda prova li turi illi l-bqija tal-flus misjuba fil-pussess tal-imputat kienu gejjin mill-bejgh tad-droga u dan anke in vista tal-fatt illi fl-interrogatorju tieghu, ma saru l-ebda domandi lill-imputat dwar il-provenjenza ta' dawn il-flus, il-Qorti qed tordna biss il-konfiska tas-somma ta' wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm41), ekwivalenti ghal hamsa u disghin Euro u hamsin centezmu (€95.50).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal **piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' tmien mitt Euro (€800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JM 1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna l-konfiska tas-somma ta' hamsa u disghin Euro u hamsin centezmu (€95.50) ekwivalenti ghal wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm41), formanti parti minn Dokument JM 2, favur il-Gvern ta' Malta, fil-waqt li tordna r-rilaxx tar-rimanenti bilanc ossia s-somma ta' mitejn u tletin Euro u wiehed u sittin centezmu (€230.61) ekwivalenti ghas-somma ta' disgha u disghin Lira Maltin (Lm99) favur il-hati.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat